**PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 1 ta' Ottubru, 2001 fis-2.00 p.m.**

**Citaz. Nru: 1038/94 VDG**

**Maria Farrugia**

**v.**

**Francis Farrugia**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata mill-attrici fit-12 ta' Awissu, 1994 li permezz taghha, wara li ppremettiet:

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba sevizzi, eccessi, u ingurji gravi da parti tal-konvenut; u

Illi hija kienet giet debitament awtorizzata illi tipprezenta l-istess citazzjoni permezz ta' digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Gunju, 1994;

Premess dan, l-attrici talbet lill-konvenut jghid ghala din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda;
2. tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha;
3. tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri, Josette Farrugia, tigi fdata lill-attrici, salv l-access tal-konvenut fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti;
4. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu, ghaliha u ghal-imsemmija tfal [<u>**recte**</u>**:** tifla] minuri dik ir-retta alimentarja

xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew, jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fl-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkin finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut;

5. tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;
6. tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit mill-Qorti in vista, *inter alia*, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv, u kuratur biex jirrapresenta l-eventwali kontumacja fuq l-istess att;
7. tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici il-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;
8. tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata eskluzzivament mill-attrici;
9. tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjoni tal-konvenut, minnu pprezentata fis-7 ta' Ottubru, 1994, li permezz taghha eccepixxa:

"1. Illi fl-ewwel lok jidher opportun li din il-kawza tistenna l-ezitu tal-kawza tal-annullament fl-ismijiet inversi (Citaz. 724/94 VDG) li tinsab differita ghas-16 ta' Dicembru, 1994 stante li jekk hemm lok ghall-annulament, din il-Qorti tkun trid tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-maggor parti tat-talbiet kontenuti fic-citazzjoni.
"2. Illi subordinatament, filwaqt li l-eccipjent mhux kontra li tigi pronunzjata s-separazzjoni bejn il-kontendenti, jeccipixxi li din ghandha, se mai, tigi pronunzjata minhabba minacci, sevizzi, eccessi u ingurja gravi da parti tal-istess attrici, u ghalhekk qed jipprezenta l-infraskritta kontro-talba.

“3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut tal-istess data li permezz taghha, wara li ppremetta:

Illi hu zzewweg lill-attrici fil-Knisja Parrokkjali tal-Mosta fl-4 ta’ Awissu, 1990;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m’ghadhiex aktar possibbli ghaz iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment u dan minhabba tortijiet tal-istess attrici konsistenti f’sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kontra l-konvenut u l-familja tieghu;

Premess dan kollu, l-konvenut talab lill-attrici tghid ghala din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici u ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment, u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili, tistabilixxi d-data meta l-istess attrici ghandha tkun konsidrata li minnha kienet hatja tal-firda;
2. tawtorizza lill-konvenut li jghix separat mill-attrici martu;
3. tordna li l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Josette Farrugia tigi fdata f’idejh, salv l-access tal-attrici ghall-istess minuri fil-granet u fil-hinijiet li jigu stabbiliti minn din il-Qorti;
4. tiddikjara li stante l-mezzi tal-attrici hu mhux tenut li jhallasha alimenti, billi ghandha mezzi ta’ ghixien separati u indipendenti, u ghalhekk tehilsu mill-istess obbligu ta’ hlas ta’ alimenti;
5. tapplika kontra l-attrici, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;
6. tordna li d-dar taz-zwieg tigi okkupata eskluzzivament mill-konvenut;
7. tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet, komposti kif jigi ordnat u stabbilit mill-Qorti, in vista, *inter alia*, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti parti mill-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess attrici ghandha tkun ikkonsidrata illi minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-konvenut u wahda lill-attrici, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;
8. tinnomina nutar sabiex jircevi l-att ta’ divizjoni relattiv, u kuraturi biex jirrapresentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;
9. tkkundanna lill-attrici sabiex tikkonsenja lill-konvenut il-beni kollha parafernali tieghu li jkunu fil-pussess taghha; u

10. tawtorizza lill-konvenut illi jirregistra ossia jnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwali moghtija minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla, kontra l-attrici, ingunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attrici ghall-kontro-talba, minnha ppresentata fl-14 ta' Ottubru, 1994, li permezz taghha eccepiet:

"1. L-attrici ma topponix it-tieni, it-tmien u l-ghaxar talbiet tal-konvenut.
"2. Illi kien il-konvenut illi b'ghemilu gab it-tifrik taz-zwieg b'mod illi l-ewwel, il-hames u s-seba' talbiet huma opposti fuq din il-bazi.
"3. Illi t-tielet talba hija opposta billi l-konvenut la ghandu l-interess u wisq anqas il-kapacita` mehtiega biex tigi fdata lilu l-kustodja ta' tifla ta' sentejn.
"4. Il-mezzi ta' l-attrici huma zaghar u ghalhekk ir-raba' talba (illi del resto ma hix ikkontemplata mill-ligi) hija insostenibbli.
"5. Illi l-attrici m'ghandhiex fejn tghix u diment li ma ssibx residenza ohra ghaliha u ghal bintha hija topponi s-sitt talba tal-konvenut.
"6. Salvi eccezzjonijiet ohra.";

Rat l-atti kollha tal-kawza; rat ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju l-Avukat Dott. Peter Borg Costanzi tat-8 ta' Awissu, 2000, konfermata bil-gurament fl-udjenza tat-18 ta' Dicembru, 2000; semghet li-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

**A**. Din il-Qorti tosserva, qabel xejn, li hija fliet bir-reqqa r-relazzjoni tal-perit gudizzjarju u, fid-dawl tal-provi prodotti quddiemu, taqbel sostanzjalment mal-konkluzzjonijiet milhuqa f'din ir-relazzjoni. Tixtieq tissottolinea, pero`, fattur li jhasseb u jinkwieta hafna lil din il-Qorti, bhalma certament hasseb u inkwieta lill-abbili perit gudizzjarju, u cioe` il-mod kif, matul il-pendenza ta' din il-kawza, it-tifla tal-kontendenti spiccat <u>il-vera vittma</u> tat-tkissir taz-zwieg tal-gennituri taghha. F'dan il-kuntest il-Qorti ser tirriproduci u taghmel taghha is-segwenti paragrafi mir-relazzjoni tal-imsemmi perit, u dan anke in vista ta' dak li ser tipprovdi aktar 'l quddiem f'din is-sentenza:

> "L-esponenti huwa sa certu mod frustrat li hawn Malta ma jidhrux li hemm strutturi serji li ghandhom hin *available* kemm ikun deziderabbli biex jghin lill-familji fit-trobbija tajba tat-tfal, ghaliex f'dan il-kaz ma hemmx dubbju li l-omm ghandha bzonn ta' certa assistenza u trattament psikologiku biex hija tinduna illi n-negazzjoni tar-ragel ghall-access regolari tat-tifla huwa ta' detriment serju li jkollu riperkussjonijiet kbar aktar 'l quddiem.

"Tenut kont tac-cirkostanzi kif jinsabu fil-prezent f'pajjizna u tenut kont ta' dan in-nuqqas ta' *backup* socjali u nformali li wiehed forsi jsib f'pajjizi akbar fejn il-mezzi jkunu aktar *available*, l-esponent jissottometti illi l-kura u l-kustodja tat-tifla ghandha tkun f'idejn l-omm, b'dan illi t-tifla ghandha tigi *monitored* b'mod regolari minn *social worker* jew *child psychologist* klinikali li jkun/tkun debitament [imharrga] f'din il-linja ta' xoghol, liema persuna jkollha l-fakolta` li tiehu passi rimedjali jew taghti indikazzjoni ta' passi rimedjali f'kaz illi jkun hemm accenn li jista' jkun ta' hsara lit-tifla."

**B**. Din il-Qorti taqbel mal-perit gudizzjarju illi t-tort princpali ghat-tkissir taz-zwieg ghandu jinghata lill-attrici, u dan ghar-ragunijiet imfissra fil-paragrafi segwenti mir-relazzjoni, li l-Qorti qed taghmilhom taghha:

"Minn qari tax-xiehda johrog car il-karattru dominanti tal-mara, jidher illi hija kienet interessata biss illi tutilizza s-servizzi tar-ragel biex jghin lilha u lin-naha tal-familja taghha fix-xoghol voluminuz li kellhom fir-raba taghhom. Il-mara kienet totalment kontra l-idea li r-ragel jahdem ir-raba li huwa kellu parafernali jew li jahdem ir-raba minn-naha tal-familja tieghu u riedet li jitlaq minn idejh dak ix-xoghol u jaghmel biss ix-xoghol minn naha tal-familja taghha. Hija riedet kontroll assolut tar-ragel f'dan ir-rigward u jidher ovvju li dan kien *the underlying theme* wara l-hsieb tal-mara.

"Meta naturalment ir-ragel irrezista dan l-attentat tal-mara, din is-sitwazzjoni kompliet tiggrava fis-sens illi l-mara bdiet tehodha kontra r-ragel u kontra membri tal-familja tar-ragel.

"Lir-ragel ghamlitlu hajtu mizerja: jissemmew incidenti meta:-

i. bezqitlu kemm fuqu u fuq wiccu kemm-il darba;
ii. bezqitlu fl-ikel;
iii. waddbitlu l-kontenut ta' barmil li kien fih [l-urina] u l-fece taghha u laqtitu "bull's eye";
iv. halliet il-fece ma-art [ara ritratti ezibiti] u l-hitan;
v. zammitu milli jkollu kuntatt ma' bintu, tista' tghid cahditu mit-tifla;
vi. Cahditu milli jiehu lit-tifla ghand in-naha tal-familja tieghu;
vii. Ghamlet rapporti kontra r-ragel illi milli jidher kienu rapporti foloz[1].

[1] Fil-paragrafu 51 tar-relazzjoni tieghu, il-perit huwa aktar esplicitu: "L-esponenti m'ghandux dubbju f'mohhu illi l-addebiti li l-mara ppruvat titfa' kontra r-ragel li kien qieghed "ibaghbas" lit-tifla, kienu biss affarijiet tal-immaginazzjoni go mohha u ma' kellhom ebda rifless fil-verita`".

"Dan l-agir beda jaggrava aktar mar-ragel jipprotegi lilu nnifsu.

"Il-mara donna agixxiet ta' persuna li jew taghmel ezatt li tghidlek jew inkella ser tbati. Meta ma kienx jirnexxielha ghal kollox kienet tizdidhilha l-frustrazzjoni u b'hekk jizdiedu l-vendikazzjonijiet. Dan huwa rifless fuq il-mod kif kienet tagixxi meta tirrabja – tghewden u tirrepeti l-kliem kwazi f'sens ta' fernesija, taghmel hsejjes stambi donnha qed tinghi ghal zmien twil.

"Certament dan ma kienx li jghin ambjent familjari u ghalhekk l-esponenti jasal biex jikkonkludi illi mill-provi mressqa mill-partijiet, ghalkemm ir-ragel ghandu d-difetti tieghu tal-misthija kbira f'affarijiet sesswali, fl-opinjoni [tal-esponenti] din ma kienitx problema insormontabbli u lanqas ma kienet il-problema principali li tat lok ghas-separazzjoni. Huwa jidhirlu li htija principali tas-separazzjoni kienet l-atteggjament u attitudini tal-mara kif fuq spjegat."

Kif inghad, din il-Qorti taqbel ma' dawn l-osservazzjonijiet u konkluzzjonijiet, u ghalhekk ser tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti minhabba eccessi da parti tal-attrici fil-konfront tal-konvenut.

**C**. Kwantu ghall-aspett patrimonjali, jirrisulta mill-provi, kif konfermat ukoll fis-relazzjoni peritali, is-segwenti:

i. huma **proprjeta` parafernali tal-mara**: Land Rover KAQ893; il-mobbli kollha gewwa d-dar matrimonjali (15/16 Misrah Suffara Rd., Dingli) u cioe` l-*main bedrom*, mejda u sitt siggijiet, *spare bedroom*, linfa, linfa ohra kbira, *washing machine*, bjankerija zewg sodod tal-hadid, *fitted kitchen*, *cooker New World*, *cooker hood*, *fridge/freezer*[2], *stainless steel sink* u *washroom sink*. Dawn ghandha tehodhom il-mara, jekk ma hadithomx diga.
ii. huma **proprjeta` parafernali tar-ragel**: Tractor Massey Ferguson CDA421, Land Rover EAM961, il-*fridge* mixtri mill-konvenut fil-mori tal-kawza (ara n-nota in calce numru 2), u id-dar matrimonjali, cioe` 15/16 Misrah Suffara Rd., Dingli.

Inoltre:

[2] Dan ma jinkludix il-*fridge* li l-konvenut xtara fil-mori tal-kawza u wara li kien hemm is-separazzjoni *de facto*, liema *fridge* il-partijiet qablu, fl-udjenza tal-11 ta' Novembru, 1998 quddiem il-perit gudizzjarju, li ghandu jitqies bhala parafernali tal-konvenut.

iii. l-attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' **Lm3,183.32**, rappresentanti nofs il-benefikati li saru fid-dar matrimonjali matul iz-zwieg;

iv. l-attrici ghandha tiehu nofs l-ammont tal-flus li hemm fil-kontijiet bankarji mal-Mid-Med (illum HSBC) (li huma f'isem ir-ragel): Savings Acc. 584056878, u Fixed Deposit Acc. 39340) wara li jitnaqqas l-ammont li kien hemm diga qabel iz-zwieg; dana l-ammont li ghandha tiehu l-mara huwa ta' **Lm4,965.50**;

v. ghandha tiehu wkoll nofs dak li gie akkumulat matul iz-zwieg fil-kont Foreign Account National Savings Bank (U.K.) 127 079 661; dana l-ammont li ghandha tiehu l-mara qed jigi kkalkulat mill-Qorti fis-somma ta' **Lm1,100**;

vi. kif issuggerixxa l-perit gudizzjarju, it-television tal-kulur Seleco, mixtri matul iz-zwieg, ser jigi assenjat lill-mara, versu nofs il-valur tieghu llum; ghalhekk il-mara ghandha thallas lir-ragel is-somma ta' hamsin lira (**Lm50**) (mhux Lm75 kif indkat fir-relazzjoni).

Konsegwentement, il-konvenut ghandhu jhallas is-somma ta' disa' telef mija u tmienja w disghin lira u tnejn u tmenin centezmu (**Lm9,198.82**) a saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-attrici ghal nofs il-valur tal-komunjoni tal-akkwisti, b'dan naturalment, li t-tlett kontijiet bankarji aktar 'l fuq imsemmija jibqghu f'isem ir-ragel biss (jew iduru f'ismu biss jekk kemm-il darba dawna f'xi zmien daru fuq l-ismijiet taz-zewg kontendenti).

**D**. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti ma taqbilx ma dak li ssueggerixxa l-perit gudizzjarju fir-rigward tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili. F'dan il-kaz din il-Qorti ma hi ser tipprovdi b'ebda mod ghal xi telf kif imsemmi f'dana l-artikolu, u dana b'applikazzjoni tal-Artikolu 51 tal-Kodici Civili.

**E**. Kwantu ghad-dar matrimonjali, din il-Qorti taqbel mas-suggeriment tal-perit gudizzjarju, u cioe` li tenut kont tal-mezzi tal-attrici, tal-fatt li hi evidentement ghandha fejn toqghod ma' membri tal-familja taghha, kif ukoll tal-fatt li fil-pendenza tal-kawza l-attrici uzat id-dar matrimonjali mhux tant biex tghix fiha izda biss biex torqod fiha, huwa r-ragel li ghandhu jibqa' jokkupa din id-dar ad ezkluzzjoni ta' martu. Ghal dak li hu manteniment, imbghad, hu evidenti li li l-attrici ghandha mezzi ta' ghixin indipendenti – konsistenti mix-xoghol fir-raba – pero` dawn il-mezzi ma humiex sufficjenti. Fil-waqt li din il-Qorti hi tal-fehma li l-manteniment ghat-tifla ghandu jkun kif suggerit mill-imsemi perit, ghal dak li jirrigwarda l-manteniment ghall-mara din il-Qorti hi tal-fehma li dan ghandu jkun ta' biss erbghin lira (Lm40) fix-xahar, u dan principalment minhabba li sakemm it-tifla ghada zghira il-mara necessarjament ser tkun xi ftit

ristretta f'dak li huwa xoghol li hija tista' taghmel, salv, naturalment li dana l-manteniment jista' jinbidel jekk jinbidlu sostanzjalment il-mezzi jew ic-cirkustanzi tal-partijiet.

Ghall-motivi premessi, din il-Qorti taqta' w tiddeciedi billi:

1. tirrespingi l-**ewwel talba** attrici, izda tilqa' l-**ewwel kontro-talba** tal-konvenut, kif ukoll tilqa' kemm it-**tieni talba attrici** kif ukoll it-**tieni kontro-talba tal-konvenut**, u konsegwentement tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti fit-termini tal-Artikolu 35(1) tal-Kodici Civili u dan minhabba eccessi da parti tal-attrici fil-konfront tal-konvenut zewgha;
2. tipprovdi dwar it-**tielet talba attrici** u dwar it-**tielet kontro-talba tal-konvenut** billi tordna li t-tifla Josette Farrugia (d.d.t. 7 ta' Mejju, 1992) tigi fdata fil-kura u l-kustodja tal-attrici, b'dan pero` li l-konvenut ikollu access ghall-imsemmija tifla kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Hamis bejn is-6.00 pm u d-9.00 pm, u fi tmien il-gimgha mis-Sibt fis-6.00 pm sal-ghada l-Hadd f'nofs in-nhar; b'dan ukoll li decizzjonijiet dwar liema skola ghandha tattendi t-tifla, dwar trattament medku serju (inkluzi operazzjonijiet), u dwar safar tal-istess tifla ghandhom jittiehdu mill-attrici u mill-konvenut flimkien u, f'kaz ta' nuqqas ta' qbil bejniethom, mis-Sekond Awla tal-Qorti Civli;
3. tipprovdi dwar ir-**raba' talba attrici** u dwar ir-**raba' kontro-talba tal-konvenut** billi tordna lill-konvenut ihallas lill-martu l-attrici s-somma ta' erbghin lira (Lm40) fix-xahar bhala manteniment ghaliha, pagabbli bil-quddiem fil-post fejn tkun qed tirrisjedi, rivedibbli dana l-ammont f'kaz li jinbidlu sostanzjalment il-mezzi u/jew ic-cirkustanzi tal-partijiet jew ta' wahda minnhom; kif ukoll tordna lill-konvenut li jhallas lill-istess attrici, pero` dan bhala manteniment ghat-tifla, is-somma ta' tmenin lira (Lm80) fix-xahar, b'zieda ta' erba liri (Lm4) fix-xahar kull sena (bl-ewwel zieda li tkun dovuta bhall-lum sena), rivedibbli wkoll dana l-ammont f'kaz li jinbidlu sostanzjalment ic-cirkustanzi; il-manteniment ghat-tifla ghandu jithallas lill-attrici bil-quddiem fil-post fejn tkun qed tirrisjedi; kwantu ghal spejjez ta' skola (*school fees*) (jekk ikun hemm), spejjez ta' kotba u uniformijiet, kif ukoll spejjez medici straordinarji dawn ghandhom jithallsu mill-konvenut;
4. tichad il-**hames talba attrici** kif ukoll il-**hames kontro-talba tal-konvenut**;
5. tipprovdi dwar is-**sitt talba attrici** u **dwar is-seba' kontro-talba tal-konvenut** bil-mod segwenti, u cioe` billi (i) tordna li l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti tispicca mill-jum li fih din is-sentenza tkun finali u konkluziva; (ii) tordna li t-tlett kontijiet bankarji imsemmija fil-paragrafi **C**.iv u **C**.v ta' din is-sentenza, kif ukoll it-television tal-kulur tal-marka Seleco

(paragrafu **C**.vi), jghaddu f'isem u f'idejn il-konvenut b'mod li jkunu eskluzzivament tieghu, b'dan pero` li l-konvenut qed jigi ordnat ihallas lill-attrici, a saldu tal-pretensjonijiet kollha taghha fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti, is-somma ta' disa' telef mija u tmienja u disghin lira u tnejn u tmenin centezmu (Lm9,198.82);

6. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-**tmien kontro-talba tal-konvenut**;
7. tilqa' s-**sitt kontro-talba tal-konvenut** u tirrespingi t-**tmien talba attrici**, u konsegwentement tordna li d-dar matrimonjali – 15/16 Misrah Suffara Road, Dingli – tkun okkupata eskluzzivament mill-konvenut, u cioe` ad eskluzzjoni tal-attrici, u takkorda xaharejn zmien mill-lum lill-attrici sabiex tohrog mill-imsemmija dar;
8. tipprovdi dwar is-**seba' talba attrici** u dwar id-**disa' kontro-talba tal-konvenut** billi (i) tordna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici, kemm-il darba ghadhom fil-pussess tieghu, l-oggetti parafernali msemmija fil-paragrafu **C**.i ta' din is sentenza, u l-oggetti parafernali l-ohra li talvolta jista' jkun hemm, u tordna wkoll li l-attrici jkollha l-piena amministrazzjoni tal-istess beni; u (ii) tordna lill-attrici tikkonsenja lill-konvenut l-oggetti u proprjeta`, kemm-il darba jinsabu fil-pussess taghha, imsemmija fil-paragrafu **C**.ii ta' din is-sentenza;
9. tilqa' d-**disa' talba attrici** kif ukoll l-**ghaxar kontro-talba tal-konvenut** u konsegwentement tawtorizza lill-partijiet li (separatament) jirregistraw ossia li jnizzlu fir-Registru Pubbliku dina s-sentenza.

L-ispejjez kollha ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-attrici.

Fl-ahhar nett din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 56(3)(4) tal-Kap. 16, tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih komunikata mid-Deputat Registratur taghha lid-Direttur (Family Welfare), Department of Family Welfare, Centru Hidma Socjali, Sta. Venera, li ghandu jassigura li t-tifla tal-kontendenti, cioe` Josette Farrugia, tigi segwita attivament minn nies kwalifikati bl-iskop li jigi assigurat li ma jsir xejn mill-partijiet li b'xi mod jista' jkun ta' hsara ghat-trobbija taghha, kif ukoll sabiex jghinu lill-partijiet fit-trobbija tal-istess tifla; l-imsemmi Direttur qed jigi awtorizzat li jirrikorri quddiem din il-Qorti, anke b'semplici rikors, jekk hu jkun tal-fehma li din il-Qorti ghandha tipprovdi ulterjorment jew differentement minn kif fuq provvdut fir-rigward tal-kura u kustodja tal-imsemmija minuri.

(ft) Vincent Degaetano
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Registratur